**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 347/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**Vs**

**Kyle Lautier**

**Illum 2 ta' Diċembru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Kyle Lautier, iben Christopher u Maruska neè Monsigneur, imwieled il-Pietà fil-31 ta' Marzu 1993 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 163093(M), talli nhar l-1 ta' Ġunju 2021 għall-ħabta ta' 12:00p.m. u fis-siegħat u/jew fil-ġranet u/jew ġimgħat u/jew xhur ta' qabel iżda mhux aktar mid-data ta' l-24 ta' Marzu 2021, ġewwa Birżebbuġia u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Ikkaġuna lill-eks sieħba tiegħu u cioè Angie Grixti, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali u li tali fastidju sar b'mod li jammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi u li dan id-delitt ikkawża offiża psikoloġika fuq il-vittma;

2. Ikkaġuna lill-eks sieħba tiegħu u cioè Angie Grixti, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali u li dan id-delitt ikkawża offiża psikoloġika fuq il-vittma;

3. Ikkaġuna lill-eks sieħba tiegħu u cioè Angie Grixti, biża li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha u li dan id-delitt ikkawża offiża psikoloġika fuq il-vittma;

4. Kiser Ordni ta' Protezzjoni imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D. fejn il-Qorti kienet ipprovdiet għas-sigurtà ta' l-eks sieħba tiegħu u cioè Angie Grixti;

5. Kiser il-kundizzjonijiet tal-libertà proviżorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), preseduta mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D., f'dan li bih ingħata il-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkommettix reat ieħor;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' Kyle Lautier u tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu u/jew tordna li s-sommom marbuta jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta; (ii) toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża, kontra Kyle Lautier a benefiċċju ta' Angie Grixti u l-familjari tagħha u dan fit-termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) tordna Ordni ta' Trattament ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u sabiex f'każ ta' ħtija (iv) tipprovdi għas-sigurtà ta' Angie Grixti jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Kyle Lautier billi tapplika l-Artikoli 382A *et seq* tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien li tħoss xieraq; u (v) tikkundanna lil Kyle Lautier għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "EH1" sa' Dok. "EH5" a fol. 9 sa' 18 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Angie Grixti mogħtija waqt is-seduti tat-8 ta' Ġunju 2021[2] u ta' l-4 ta' Ottubru 2022[3] u x-xhieda ta' Stephen Cachia[4] in rappreżentanza ta' Transport Malta, Anthony Bonnici[5] in rappreżentanza ta' GO p.l.c., PS220 Shaun Spiteri[6], Jean Pierre Micallef[7], Elise Zammit[8] u PS2158 Gillian Henwood[9] mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Lulju 2021 u rat id-dokument Dok"SC1" esebit minn Stephen Cachia a fol. 89 sa' 93 tal-proċess, id-dokument Dok. "AB" a fol. 98 tal-proċess u d-dokument Dok. "SS" esebit minn PS220 Shaun Spiteri a fol. 102 sa' 104 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Christopher Lautier mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Awwissu 2021[10] u x-xhieda ta' l-Ispettur Eman Hayman mogħtija waqt is-seduti tad-19 ta' Awwissu 2021[11] u ta' l-4 ta' Lulju 2022[12] u rat id-dokumenti esebiti mill-Ispettur Eman Hayman markati Dok. "EH6" sa' Dok. "EH16" a fol. 135 sa' 149 tal-proċess u id-dokument markat Dok. "EHX" a fol. 360 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS422 Neil Caruana[13], PC1207 Matthew Ablea Medici[14] u ta' PS267 Anthony Cassar[15] mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Settembru 2021 u rat ir-Relazzjoni

[1] Fol. 6 tal-proċess.
[2] Fol. 22 sa' 38 tal-proċess.
[3] Fol. 362 sa' 368 tal-proċess.
[4] Fol. 88 tal-proċess.
[5] Fol. 94 sa' 97 tal-proċess.
[6] Fol. 99 sa' 101 tal-proċess.
[7] Fol. 105 sa' 110 tal-proċess.
[8] Fol. 111 sa' 116 tal-proċess.
[9] Fol. 117 sa' 121 tal-proċess.
[10] Fol. 125 u 126 tal-proċess.
[11] Fol. 127 sa' 134 tal-proċess.
[12] Fol. 350 sa' 359 tal-proċess.
[13] Fol. 151 tal-proċess.
[14] Fol. 160 u 161 tal-proċess.
[15] Fol. 174 u 175 tal-proċess.

ta' PS422 Neil Caruana markata Dok. "NC" a fol. 152 sa' 159 tal-proċess, ir-Relazzjoni ta' PC1207 Matthew Abela Medici markata Dok. "MAM" a fol. 162 sa' 173 tal-proċess u r-Relazzjoni ta' PS267 Anthony Cassar markata Dok. "AC" a fol. 176 sa' 340 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Lauren Victoria Pulis[16] u ta' Jonathan Pulis[17] mogħtija waqt is-seduta tas-6 ta' Ottubru 2021, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Tekniku Keith Cutajar mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Ottubru 2021[18] u rat ir-Relazzjonijiet tiegħu markati Dok. "KC1" u Dok. "KC2" a fol. 268 sa' 304 tal-proċess, semgħet ix-xhieda tal-Psikologa Carmen Sammut mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Jannar 2022[19] u rat ir-Rapport tagħha esebit minnha markat Dok. "CS" a fol. 321 sa' 325 tal-proċess, rat is-Social Inquiry Report imħejji mill-Uffiċjal tal-Probation Glen Grixti fil-kuntest ta' proċeduri separati fil-konfront ta' l-imputat pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, esebit mill-imputat permezz ta' Nota ppreżentata fl-14 ta' Ottubru 2022 a fol. 369 sa' 385 tal-proċess;

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 7 ta' April 2022[20] li biha bagħat lil Kyle Lautier sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għal ħtija jew ħtijiet taħt dak maħsub:

- Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 251AA, 251H, 251HA, 222(1) u 202 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 251A, 251H, 251HA, 222(1) u 202 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 251B, 251H, 251HA, 222(1) u 202 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 412Ċ u 412D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 386 u 387 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi waqt is-seduta tal-11 ta' April 2022[21] il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u rat li nqraw l-Artikoli u li l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar l-1 ta' Ġunju 2021 għall-ħabta ta' 12:00p.m. u fis-siegħat u/jew fil-ġranet u/jew ġimgħat u/jew xhur ta' qabel iżda mhux aktar mid-data ta' l-24 ta' Marzu 2021, ġewwa Birżebbuġia u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) Ikkaġuna lill-eks sieħba tiegħu u

[16] Fol. 244 sa' 253 tal-proċess.
[17] Fol. 253 sa' 261 tal-proċess.
[18] Fol. 263 sa' 267 tal-proċess.
[19] Fol. 319 u 320 tal-proċess.
[20] Fol. 345 tal-proċess.
[21] Fol. 346 tal-proċess.

cioè Angie Grixti, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali u li tali fastidju sar b'mod li jammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi u li dan id-delitt ikkawża offiża psikoloġika fuq il-vittma; (2) Ikkaġuna lill-eks sieħba tiegħu u cioè Angie Grixti, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali u li dan id-delitt ikkawża offiża psikoloġika fuq il-vittma; (3) Ikkaġuna lill-eks sieħba tiegħu u cioè Angie Grixti, biża li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha u li dan id-delitt ikkawża offiża psikoloġika fuq il-vittma; (4) Kiser Ordni ta' Protezzjoni imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D. fejn il-Qorti kienet ipprovdiet għas-sigurtà ta' l-eks sieħba tiegħu u cioè Angie Grixti; (5) Kiser il-kundizzjonijiet tal-libertà proviżorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), preseduta mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D., f'dan li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkommettix reat ieħor.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 7 ta' April 2022, l-Avukat Ġenerali bagħat lil Kyle Lautier sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għal ħtija jew ħtijiet taħt dak maħsub:

- Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 251AA, 251H, 251HA, 222(1) u 202 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 251A, 251H, 251HA, 222(1) u 202 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 251B, 251H, 251HA, 222(1) u 202 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 412Ċ u 412D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 386 u 387 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Hawn il-Qorti mill-ewwel tinnota li fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju, l-Avukat Ġenerali ma għamel l-ebda aċċenn fir-rigward tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, ossia fir-rigward ta' l-imputazzjoni li huwa kiser il-kundizzjonijiet tal-libertà proviżorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), preseduta mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D., f'dan li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkommettix reat ieħor. Fid-dawl ta' tali fatt il-Qorti ma għandhiex triq oħra għajr li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat u dana billi huwa ormai prinċipju ben stabbilit fis-sistema ġuridika nostrali li *meta ... ir-rinviju għall-ġudizzju jsir skond is-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 370 (u allura wieħed jitkellem fuq għall-anqas reat wieħed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali) in-nota ta' rinviju għall-ġudizzju tassumi rwol simili għal dak ta' att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistgħux jiżdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Ġenerali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jżid skużanti. Bħal fil-każ ta' l-att ta' akkuża, jekk fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju taħt l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Ġenerali jakkuża lil xi ħadd bħala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Maġistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens*

*ta' l-akkużat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu ħati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat ieħor anqas gravi iżda kompriż u involut f'dak ir-reat, jew bħala kompliċi f'dak ir-reat*[22].

In kwantu rigwarda l-provi prodotti f'dawn il-proċeduri ma hemmx dubju li x-xhud ewlieni hija Angie Grixti. **Angie Grixti** tgħid illi bejnha u bejn l-imputat kien hemm diversi sitwazzjonijiet li hi kkunsidrathom bħala fastidju lejha da parte ta' l-imputat u fil-fatt fir-rigward ta' diversi minn dawn l-okkazzjonijiet già hemm proċeduri pendenti oħra fil-konfront tiegħu. L-inċidenti lamentati minn Angie Grixti u li jifformaw il-mertu ta' dawn il-proċeduri seħħew bejn l-24 ta' Marzu 2021 u l-1 ta' Ġunju 2021, senjatament fit-3 ta' April 2021, fil-11 ta' April 2021, fis-27 u fit-28 ta' April 2021 u fl-1 ta' Ġunju 2021. Mix-xhieda tagħha jirriżulta wkoll li huma kienu f'relazzjoni għal sentejn, iżda din intemmet fl-24 ta' Ottubru 2020.

Fir-rigward ta' l-inċident ta' l-**1 ta' Ġunju 2021** Angie Grixti ddikjarat li dakinhar hija kienet l-iskola ta' Birżebbugia fejn taħdem u *f'xi l-09:50a.m. konna break u ħriġna fil-bitha bit-tfal, it-tifel illi nieħu ħsieb jiena resaq lejn it-tarf tal-bitħa jiġifieri qrib il-kanċell ta' l-iskola u jiena nara karozza wieqfa. Fil-karozza, bin-numru ta' reġistrazzjoni ACU-278, kien hemm Kyle u qal il-kelma "qaħba", m'għajjathiex imma minn ħalqu indunajt.* Angie Grixti ddikjarat li l-vettura dak il-ħin kienet fi Triq Santa Katerina u kompliet tiddikjara li *jiena ddeċidejt illi nibqa' hemm fejn kont għax għidt dan se jerġa' jgħaddi, biex neħodlu ritratti għall-evidenza. Għadda u ħadtlu żewġ ritratti u kif induna għafas il-gass u saq. Jiena bqajt hemmhekk fejn kont, reġa' għadda u pparkja ftit 'l bogħod. Qasam għal mal-ħajt ta' l-iskola u jiena lħaqt bdejt niġbed ir-ritratti. Kif induna li qed niġbidlu r-ritratti, qasam għall-karozza u saq 'l hemmhekk. It-tifel li kont qed nieħu ħsieb kienet qed tieħu ħsiebu ħabiba tiegħi u kif kont qed inkellimha biex nieħu lit-tifel, kien mal-kanċell li jagħti għal Triq San Mikiel. ... Jiena qbadt it-tifel u hu kif induna bija telaq jiġri 'l hemm u jiena ħdat lit-tifel u dħalt fil-klassi. Imbagħad wara ftit ħin, x'ħin konna fil-klassi, it-teacher li qiegħda magħha jiena għamlitli s-sinjal li kien qiegħed mal-kanċell ta' faċċata tal-klassi tagħna. ... jien mort bil-mobile biex neħodlu video. Kif induna hu tbaxxa taħt il-ħajt u telaq, jiena bdejt nieħu ftit video imbagħad waqqaft il-video biex inbiddel l-angolu. ... Jiena imbagħad biddilt l-angolu biex niġi hekk għal Triq San Mikiel għax kien hemm vann kbir ipparkjat u beda jiġi fil-video jittawwal minn wara l-vann. Erġajt waqqaft il-video għax għajjejt hekk u reġa', jerġa' jittawwal minn wara l-vann. Imbagħad hemm bieb u għidt jaqbilli mmur niġbed video minn hemm għax ħa jiġi eżatt hekk ċara u kien qiegħed hemmhekk bil-karozza pparkjata ħażin, kellu l-mobile ma' widnejh imbagħad x'ħin ra lili għamel il-mobile ma' widnejh biex taparsi qed ikellem lil xi ħadd u qalli "Ħallini kwiet toqgħodx teħodli video". Saq, jiena waqqaft il-video, erġajt ġbit biċċa oħra video u kif tfejt il-video ħareġ mill-karozza u għajjat "Ja xkora żibel" u jiena dħalt fil-klassi.*

Angie Grixti ddikjarat li hija ilha taħdem fl-Iskola ta' Birżebbuġia seba' snin u l-imputat dan il-fatt kien jafu. Iddikjarat ukoll li hu ma għandux għalfejn imur lejn l-iskola. Żiedet tgħid illi dakinhar għall-ħabta ta' l-11:55a.m., l-12:00p.m., sar il-ħin biex l-istudenti u l-għalliema jmorru d-dar u x'ħin kienet fi triqitha lejn id-dar tagħha

[22] Il-Pulizija v. Michael Carter, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta' Diċembru 2001.

flimkien ma' binha, madwar żewġ metri 'l bogħod mid-dar tagħha l-imputat saq magħha bil-karozza, beżqilha u laqatha naqra 'l isfel minn spallitha fuq in-naħa tal-lemin u kif saq għajjat "qaħba". Kif waslet id-dar hija ċemplet mill-ewwel lis-sezzjoni tad-Domestic Violence, liema telefonata fil-fatt tinsab fl-estrazzjoni[23] li l-Espert Keith Cutajar għamel tad-dokument Dok. "EH15" a fol. 148 tal-proċess[24]. Iddikjarat ukoll li għall-ħabta ta' l-10:30a.m., x'ħin l-imputat kien barra l-iskola ta' Birżebbugia, hija bagħtet email mill-ewwel lill-Ispettur Eman Hayman.

Fir-rigward ta' dak li ġara nhar l-1 ta' Ġunju 2021, xehdet ukoll **Elise Zammit**, l-għalliema li taħdem magħha Angie Grixti. Elise Zammit iddikjarat illi *kont qiegħda fil-klassi qed inlibbes il-fradal lit-tfal u dak il-ħin rajt raġel iħares minn ġot-tieqa, għax aħna għandha t-tieqa, imbagħad hemm il-bitħa u qisha gate. … kien qed iħares qisu fiss lejn il-klassi u dak il-ħin qisni nħsadt, għamilt hekk għax nippanikkja naqra, imbagħad Ms. Angie daret bil-mobile u kkonferma illi kien l-ex tagħha.* Iddikjarat li kienet taf li Angie Grixti u l-imputat kienu f'relazzjoni flimkien u li mbagħad *ħassru u naf li kien isegwiha u xi affarijiet minn dawn. Imbagħad ġie hemmhekk fejn l-iskola u jiena kont rajtu. … dakinhar konna qegħdin fil-bitħa aħna u hi kienet diġa ratu w infatti kienet qiegħda tiġbidlu video bil-mobile, imbagħad jiena lħaqt dħalt bit-tfal fil-klassi wkoll u tipo kont naf illi qiegħed hemmhekk allura qisek tkun taf, qisu jkollok click f'moħħok. … kienet qed tgħidli illi kienet qed tiġbidlu l-filmat. Imbagħad minħabba l-Covid ovvjament għandna l-purtieri u t-twieqi kollox miftuħ allura jidher minn barra mit-triq. Imbagħad jiena kont qiegħda hekk insomma baxxuta u għollejt rasi lil hemm u ovvjament tara nies ġieli għaddejjin imma ma tantx jieqfu nies illi jibqgħu jħarsu fiss lejn il-klassi u għalhekk qisu ġibidli l-attenzjoni.* Elise Zammit għarfet lill-imputat bħala l-persuna li rat dakinhar ta' l-1 ta' Ġunju 2021 u li għalih għamlet referenza fix-xhieda tagħha.

In kontro-eżami Elise Zammit iddikjarat illi *x'ħin kienet* [Angie Grixti] *qiegħda tiġbidlu l-filmat, hi kienet qiegħda barra. Jiena kont qiegħda barra bit-tfal ukoll imbagħad jiena dħalt fil-klassi għax aħna bil-ħin fil-bitħa minħabba l-Covid imbagħad jiena dħakt fil-klassi u hi mbagħad daħlet ftit wara. Imbagħad jiġifieri l-mobile phone kien fil-bitha imbagħad anke ġewwa.* Għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk Angie Grixti ġibditx video darbtejn, meta kienet barra u meta daħlet ġewwa, Elise Zammit wieġbet *iva x'ħin konna barra jiena ma rajtux. Jiena rajtu biss x'ħin kont qiegħda fil-klassi.* Għalkemm x'ħin kienet barra lill-imputat ma ratux, ikkonfermat li ratu meta daħlet ġewwa fil-klassi u l-imputat ġie quddiem il-biċċa tal-klassi tagħha. Saħqet li l-imputat kien qed iħares fiss, *tipo jiċċassa lejn il-klassi taf kif bħal meta tkun qed tfittex xi ħaġa dak il-ħin x'ħin rajtu. Imma jiġifieri peress illi aħna ġo skola bit-tfal qisu għalhekk kont naf għax peress illi qaltli ill kien qiegħed barra u qisu mbagħad itektiklek.*

Mill-extraction[25] tad-data fuq id-dokument, ossia pendrive markata Dok. "EH14" esebita a fol. 147 tal-proċess, esegwita mill-Espert Tekniku Keith Cutajar ħarġu diversi ritratti u videos li lkoll jirreferu għall-ġurnata ta' l-1 ta' Ġunju 2021 u li lkoll jikkonfermaw li dakinhar l-imputat kien qiegħed jdur u jħuf barra l-iskola ta' Birżebbugia fejn taħdem, jew ta' l-inqas dak iż-żmien, kienet taħdem Angie Grixti.

[23] Relazzjoni markata Dok. "KC2".
[24] File ALL_CA~2. Track B_119B~6.WAV
[25] Relazzjoni markata Dok. "KC2".

Mir-ritratti estratti mill-Espert Tekniku fil-file EH14-LUSB01, folder Photo 01.06.2021, tidher vettura Mazda Demio ta' kulur griż ipparkjata fi Triq Santa Katerina faċċata l-iskola fil-kantuniera ma' Triq il-Knisja. Mill-videos - fil-file EH14-LUSB01, folder Video 01.06.2021, imbagħad tidher din l-istess vettura, issa bin-Numru ta' Reġistrazzjoni jidher u jaqra ACU-278, issuq minn quddiem l-iskola u minn video ulterjuri tidher din l-istess vettura pparkjata ħażin fi Triq San Mikiel, issa bi Triq Santa Katerina fil-kantuniera, bl-imputat barra mill-vettura u x'ħin dan idur iħares lejn l-iskola u jara li Angie Grixti tiġbidlu l-video jistaqsiha għalfejn qed tiġbidlu video u biex tħallieh bi kwietu.

Il-pendrive in kwistjoni, ossia Dok. "EH14", ġiet esebita mill-Ispettur Eman Hayman fis-seduta tad-19 ta' Awwissu 2021 fejn appuntu spjega li dawn kienu xi ritratti u videos dwar l-akkadut ta' l-1 ta' Ġunu 2021 li Angie Grixti kienet għaddiet lill-Pulizija. Dwar dak li seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021 barra l-iskola ta' Birżebbugia, l-**Ispettur Eman Hayman**, fix-xhieda li ta waqt is-seduta tad-19 ta' Awwissu 2021, iddikjara li *fl-1 ta' Ġunju ta' din is-sena, kienet daħlet email min-naħa ta' Angie Grixti li qed nagħraf hawnhekk bħala l-parte civile illi kienet indikat illi karozzza li kellha l-ittri ACU Mazda Demio kienet qed tinstaq minn Kyle Lautier li qed nagħraf bħala l-imputat. Il-vittma qalet illi Kyle kien qed jipparkja u kien qed jittawwal u ġieli kien qiegħed jistaħba wara xi vetturi u li kienet qed tieħu xi ritratti proprju biex turi dan il-punt. Mingħajr ma nidħol fl-ebda dettal ta' x'ġara preċedentement, Kyle Lautier qiegħed f'żewġ każijiet quddiem żewġ qrati differenti u kellu impost fuqu Protection Order kif ukoll bail condition. Minnufih sar kuntatt dirett jiġifieri bit-telefon fejn Angie ġiet infurmata illi b'dak li kienet rat, hi tagħmel ir-rapport tagħha u ninvestigaw minn hemmhekk. Tul dan il-ħin daħlet telefonata ġewwa d-domestic violence unit u qaluli li hemm Kyle Lautier fuq dik il-linja u jrid ikellmek u jiena mort inkellmu u kien infurmani illi "ma jistax ikun, jiena mort sempliċement mixtri l-ħaxix, Angie qiegħda tiġbidli l-videos u mhux qiegħda tħallini bil-kwiet". Jiena tajtu struzzjonijiet lil Kyle biex dak li huwa l-ilment tiegħu jagħmel rapport proprju fl-għassa viċin li kienet l-għassa ta' Birżebbugia. Dan ir-rapport sar, Kyle kien mar bil-karozza imsemmija, nel frattemp jiena, qabel dan kollu kont ċempilt lill-missier Kyle Lautier fejn hu min-naħa tiegħu kien ikkonferma li l-ACU tappartjeni lilu, kienet f'idejn it-tifel imma missier Kyle Lautier kien qiegħed ix-xogħol jiġifieri Raħal Ġdid biex niftehmu u dik it-telefonata waqfet hemmhekk. Jiena kelli l-Qorti u ma stajtx nibqa' d-depot il-Furjana u ġejt għal każijiet oħra illi kelli parti mill-iskeda u ħallejt f'idejn is-Surġenta 2158 … proprju sabiex tieħu kwalunkwe handover li jista' jiġi minn dan il-każ. Ninsab ċert illi waqt li jiena kont qiegħed il-Qorti kien hemm telefonati min-naħa ta' Kyle Lautier biex ikellem lili u kien hemm ukoll telefonati min-naħa ta' Angie li żiedet f'dak li hu r-rapport tagħha minn fuq it-telefon, s'issa fejn infurmatna li evetwalment Kyle kien reġa' mar, Kyle kien qiegħed fejn l-iskola, l-iskola hija waħda kwadra bħala pjan biex niftehmu fejn hija mdawra b'4 toroq u konna qegħdin niġu nfurmati illi Kyle kien qiegħed idur il-kanċelli minn kanċell għall-ieħor biex proprju jittawwal ġewwa l-iskola. Infurmatna ukoll illi beda jibdel minn kanċell għall-ieħor u f'mument minnhom għaddiet, minflok minn fejn kienet għaddiet minn post ieħor u proprju ġibdet video ta' Kyle Lautier qiegħed fejn din il-gate viċin il-post illi kien fil-bidunett fit-triq ta' fejn dak tal-ħaxix u li f'din it-telefonata kien hemm il-karozza pparkjata mhux tajba mingħajr ma naċċennaw jiġifieri li kien hemm xi traffic violation jiġifieri imma kienet bħal li kieku xi ħadd ried jipparkja wiċċu 'l quddiem u kien qiegħed bit-telefon ma' widnejh u kien*

*qiegħed joħroġ il-kliem, għax jinstema' fil-video, "jiena hawn qiegħed" u dan ir-recording jieqaf hemmhekk. Iktar 'l quddiem Angie nfurmatna illi kienet ħarġet mill-iskola bit-tifel tagħha, kienet sejra lejn id-dar, hi ma toqgħodx il-bogħod mill-iskola Angie, kienet miexja Birżebbugia Road li hija t-triq li tagħti għat-triq tagħha u proprju Kyle Lautier reġa', din id-darba bil-karozza, mar u ġie magħha bil-karozza u allegatament beżqilha jiġifieri hi kienet bit-tifel tagħha u Kyle Lautier beżqilha. Jiena x'ħin rajt l-istorja twalet daqshekk, jien mbagħad hemmhekk ma ssugrajtx u mort ngħid illi jiġi arrestat Kyle Lautier għax jiena bdejt ninkwieta.*

It-telefonati li jagħmel referenza għalihom l-Ispettur Eman Hayman fix-xhieda tiegħu, ossia t-telefonati ta' Angie Grixti, it-telefonata lilu mill-imputat u t-telefonata tiegħu lil missier Kyle Lautier, kollha jirriżultaw in atti, senjatament mill-extraction[26] (Folder EH15-CD01) li saret mill-Espert Tekniku Keith Cutajar tad-dokument Dok. "EH15", li huwa CD li ġie esebit mill-Ispettur Hayman fil-kors tax-xhieda tiegħu, a fol. 146 tal-proċess.

In kwantu rigwarda l-vettura Mazda Demio bin-Numru ta' Reġistrazzjoni ACU-278 li dakinhar ta' l-1 ta' Ġunju 2021 kien biha l-imputat, **Stephen Cachia**, in rappreżentanza ta' Transport Malta, iddikjara li *mir-riċerka li għamilt jirriżulta illi l-vettura hija ta' l-għamla Mazda Demio ta' kulur silver, din hija reġistrata fuq Christopher Lautier… u din il-vettura ilha hekk reġistrata fuq ismu mill-11 ta' Marzu tas-sena 2021.* L-istess **Christopher Lautier** ikkonferma li huwa għandu vettura ta' l-għamla Mazda Demio bin-Numru ta' Reġistrazzjoni jibda żgur ACU iżda ma kienx ċert dwar in-numri tar-reġistrazzjoni.

**PC 220 Shaun Spiteri**, illi ħa r-rapport ta' l-imputat fil-konfront ta' Angie Grixti dakinhar ta' l-1 ta' Ġunju 2021, xehed illi l-imputat *stqarr illi kien sejjer jixtri l-ħaxix u x'ħin kien għaddej minn Triq Santa Katerina għall-ħabta ta' l-10:10a.m. ta' l-istess ġurnata, ra lill-ex partner tiegħu Angie teħodlu xi videos u skontu, hu qal li ma kellimhiex u baqa' miexi.* Mir-rapport Esebit minn PC 220 Shaun Spiteri, Dok. "SS" a fol. 102 sa' 104 tal-proċess, jirriżulta li r-rapport sar fl-10:36a.m. ta' l-1 ta' Ġunju 2021 u li l-imputat irrapporta dwar inċident li seħħ quddiem il-gate ta' l-Iskola, Triq Santa Katerina, Birżebbugia, bejn l-10:10a.m. u l-10:15a.m. Jirriżulta li l-imputat stqarr mal-Pulizija illi *nhar 01/06/2021 għall-ħabta ta' 10:10 waqt li kien qed ġewwa Triq Santa Katerina, Birżebbugia, (eżatt quddiem il-gate ta' l-iskola primarja) huwa nnota lill-ex partner tiegħu Angie Grixti 0133479(M) tiġbidlu video. Huwa stqarr li huwa la kellimha u qas ħares lejha, u kien għaddej minn hemmhekk il-għaliex kien ser jixtri mingħand tal-ħaxix tal-kantuniera. Kyle kompla jżid illi din mhux l-ewwel darba li ġrat u li qed tagħmel hekk biex tintimidah.*

Mill-analiżi li saret mill-Espert Tekniku Keith Cutajar[27] tad-data esebita minn Anthony Bonnici, rappreżentant ta' GO p.l.c., ossia l-analiżi tad-dokument Dok. "AB" - File GO p.l.c. - jirriżulta li nhar l-1 ta' Ġunju 2021, bejn l-10:10a.m. u l-10:15a.m., waqt li kien qiegħed fl-inħawi ta' l-Iskola ta' Birżebbugia, l-imputat ma għamel u ma rċieva l-ebda telefonata

[26] Relazzjoni markata Dok. "KC2".
[27] Relazzjoni Dok. "KC1".

Dwar l-inċidenti li seħħew fis-**27 u 28 ta' April 2021**, **Angie Grixti** xehdet illi *fis-27 ta' April 2021, jiena kont transport jiġifieri jiena filgħodu nitla' nħalli l-karozza Ħal Far u ninżel bil-private mat-tfal, inkunu skola u lura bil-kontra, nitla' bil-private u mmur għall-karozza. Kienu xi t-02:55p.m. u sibt "qaħba" miktuba mal-karozza. ... U sibt girfa fil-bieba tal-bagoll ta' wara bil-kelma "qaħba". ... kelma mibruxa plus xi grif fil-ġnub tan-naħa tal-passiġġier u fil-bumper ta' quddiem. ... Imbagħad ovvjament inżilt l-għassa, għamilt rapport u għaddiet speċi. ... ma rajt xejn imma rapporti fuq il-kelma qaħba tgħoddhom. L-għada fit-28 ta' April tas-sena 2021, reġa' kelli transport, reġa' l-istess rutina, erġajt mort lura u fl-istess ħin kważi tat-02:50p.m. jew it-02:55p.m. insib żiffa, żiffa fuq il-bagoll ta' wara, żiffa fil-ġenb u grif eżaġerat fil-ġnub tal-karozza n-naħa tal-passiġġier. Issa, il-kelma żiffa tirreferi għal persuna li jiena kont niltaqa' magħha qabel kont noħroġ miegħu u jaf bih għax jiena għidtlu. ... Jiena għedtlu bih dan it-tali persuna jiġifieri hu jaf bih u sibt dan il-kliem. Għamilt rapport l-għassa u l-istess ħaġa.*

**Jean Pierre Micallef**, is-Surmast ta' l-Iskola ta' Birżebbugia, ikkonferma li Angie Grixti jkollha assenjat lilha transport u li *normalment ikollha r-rotta ta' Ħal Far Ms. Angie, tar-rifuġjati. Aħna għandna tfal refuġjati minn Ħal Far, għandna mas-47 student u ġimgħa iva u ġimgħa le tkun assenjata din ir-rotta.*

Fir-rigward ta' dan l-inċident rapportat minn Angie Grixti, l-**Ispettur Eman Hayman** iddikjara li *fis-27 u fit-28 ta' April ... konna nfurmati b'żewġ rapporti sa' dan l-istadju ta' Angie Grixti fejn kienet qed issib diversi ħsarat fuq il-karozza tagħha. Fis-27 ta' April ta' din is-sena sabet il-kelma "qaħba" mnaqqxa u l-għada kienet sabet diversi kliem żgħar fosthom il-kelma "żiffa" u xi brix sparpaljat illi proprju kienu ġew mibruxa waqt li hi kienet ħalliet il-karozza pparkjata hemmhekk biex marret għal dik li huma jsejħula bħala transport. Din il-ħidma taħdem billi Angie tipparkja hemmhekk jiġifieri l-parking ta' l-ETC, faċċata fejn hemm il-Jobsplus, tirkeb il-coach, tiġbor lit-tfal u l-karozza titħalla hemmhekk sakemm tispiċċa l-iskola. Il-karozza kienet ittieħdet għall-fingerprints u bħala fingerprints aħna ma kien hemm l-ebda match jiġifieri. Kien tela' fingerprint biss ma kienx hemm match mad-database ta' l-AFIS li hija s-sistema tal-fingerprints u proprju kien ġie ndikat Kyle Lautier minn Angie li hu kien potenzjalment peress illi kien hemm din il-kelma "qaħba", peress illi l-kelma "żiffa" kien il-laqam tal-ex partner ta' Angie u ċ-ċirkostanzi nnifishom jiġifieri l-każijiet ta' qabel li kienu potenzjalment iduru mal-kelma "qaħba", għaldaqstant, il-Pulizija kompliet bl-investigazzjoni u proprju kienet talbet lil Kyle Lautier sabiex jissottometti l-fingerprints, liema sottomissjonijiet ma saritx mill-ewwel, biss Kyle Lautier kien ġie nfurmat bid-dritt illi sa' dak l-istadju seta' jew ma setax jissottometti l-fingerprints. Biss meta konna għamilna naqra stħarriġ mhux ħażin, konna tlabna dik li hija engineering data, stajna biss narawha u konna rajna illi f'data partikolari dik tat-28 ta' April, għax id-data nnifisha kienet, il-mobile mhux fejn kien eżatt, liema torri kien qiegħed jaqbad magħha u proprju kien ġie x-xhud tal-GO mobile u kien iċċara din il-biċċa tax-xogħol iżda kien hemm ħin illi kien jidher li kien hemm vjaġġ illi jaqbel proprju ma' vjaġġ li beda mid-dar tiegħu għal fejn hemm l-ETC nnifisha peress illi l-aerials innifishom jinbidlu fl-isem ma' fejn qed jinbidlu u proprju nħoloq qisu bħal moviment illi l-ewwel jibda mill-Malta Freeport, ikun hemm ammont ta' ħin fejn fil-bidu il-lokazzjoni tkun waħda antika jiġifieri tista' tindika - ħa nuża l-kelma tista' ħalli jiena inkun leali - jiġifieri ma tiċċaqlaqx iżda kien hemm ħinijiet illi kienu viċin*

*ta' xulxin illi jibdew minn 8:53 u jibqgħu għaddejjin sa' 9:01 u l-aerial jinbidel minn Malta Freeport Terminal għal Triq l-Imnarja, Birżebbugia, li hija l-inħawi tal-Papa li huma nħawi viċin l-ETC fejn jispiċċa Birżebbugia biex niftehmu n-naħat tal-Papa u eventwalment tiġi għall-JobsPlus. ... Il-Pulizija kellmet lill-ħaddiema ta' Jobsplus sabiex jiġi stabbilit jekk Angie Grixti jew Kyle Lautier kienux għamlu xi użu mis-servizz tal-Jobsplus, liema risposta kienet waħda negattiva, la Angie Grixti u la Kyle Lautier m'għamlu użu minn xi servizz tal-Jobsplus. Din il-verifika saret sabiex naċċertaw ruħna. Kienet saret ukoll it-talba mill-amministrazzjoni kif ukoll minn Angie Grixti peress illi hija qaltilna illi kienet marret hemm bħala transport, konna ġejna mogħtija t-timetable illi proprju jikkaverjaw dawk il-ġranet u lest li nippreżenta proprju timetable illi ġiet mgħoddija lili.*

Din it-timetable ġiet esebita bħala Dok. "EH7" a fol. 136 tal-proċess u minnha jirriżulta li matul il-ġimgha 26 sa' 30 ta' April 2021 Angie Grixti kienet assenjata d-doveri ta' transport fuq ir-rotta SBC10 li tinkludi r-rottot Birżebbugia, Bengħajsa, Ħal Far, Open Centre u Birżebbugia Primary. L-Ispettur Hayman ippreżenta wkoll ritratti tal-ħsarat fuq il-vettura ta' Angie Grixti, liema ritratti markati Dok. "EH9" u Dok. "EH13" jinsabu a fol. 142 sa' 146 tal-proċess.

**Anthony Bonnici**, rappreżentant tal-GO p.l.c., xehed illi *konna ġejna mitluba mill-Pulizija biex nipprovdu registration details kif ukoll IMEI number u incoming and ongoing calls and SMS's kif ukoll il-localization ta' mobile number partikolari jiġifieri 79301715 u liema informazzjoni konna għaddejniha lill-Pulizija. ... Id-data li kont tajt lill-Pulizija qed nerġa' nippreżentaha soft copy f'CD hawnhekk* - Dok. "AB" a fol. 98 tal-proċess - *Konna ġejna wkoll mitluba sabiex nagħtu engineering data ta' l-istess mobile number għas-27 u t-28 ta' April tas-sena 2021, liema data qiegħed ukoll nippreżenta fl-istess CD. Għal kull buon fini, biex nispjega ftit il-profiles, fejn qed nirreferi għall-engineering data, minflok il-mobile number tas-soltu, dak li nsejħulu MSISDN jiġifieri is-79 number, jimmarka l-IMSI jiġifieri n-numru illi jkun hemm miktub fuq is-sim card li jkun paired ma' dak is-79 number illi jirriżulta mill-profiles l-oħrajn. Għal kull buon fini ukoll, fejn tidħol engineering data, it-tools illi jiġu użati huma mmirati għal troubleshooting li jista' jkun hemm fuq in-network jiġifieri qatt ma nistgħu nkunu nistgħu niggarantixxu li l-informazzjoni tkun mija fil-mija korretta għax mhijiex maħsuba għal localisation. .... Hija indikatorja, normalment mhux se jkun hemm żbalji fuqha però hija dejjem a prediction. Jiġifieri dan anke jista' jkun hemm, insa anke l-engineering data, anke fuq il-localisation li toħroġ mill-profiles normali in line ma' l-ispecial mal-586.01, jekk il-mobile qed jimmarka ma' cell id, il-probabilitajiet kbar huma li qiegħed f'dawk l-inħawi imma jista' jkun illi s-cell id li kien qiegħed ħdejha kellha xi ħsara allura mbagħad se jaqbad ma' cell id oħra li tkun the next one in line. Jiġifieri għalhekk hija prediction u qatt ma tista' tkun mija fil-mija ċert. Jekk qiegħed il-Belt u qiegħed mal-baħar, jaf jimmarkalek il-Birgu għax għandek reflection speċjalment reflection fuq il-baħar tas-signal u jaf mill-Belt jaf jaqbad il-Birgu. Jiġifieri għalhekk hija prediction.*

In kontro-eżami Anthony Bonnici għar-rimarka li l-mobile se jaqbad ma' *the closest cell*, xehed *under normal circumtances. Jista' jkun hemm każijiet straordinarji tipo dik is-cell id jkollha l-ħsara allura għalkemm qiegħed taħtha, mhux se jaqbad magħha.* Dwar jekk il-GO tkunx taf jekk hemmx ħsara f'xi cell partikolari, Anthony

Bonnici wieġeb *min-naħa tal-engineering ikunu jafu* u għall-mistoqsija tal-Qorti *u fejn għidtli fuq tal-baħar, jekk ikun post qalb il-bini issa jiġifieri residenzjali normali?* Bonnici wieġeb *ilni nagħmel dan ix-xogħol sittax-il sena jiġifieri normalment, jekk se jimmarkali l-Imsida f'dik it-triq, f'dik l-akkwata se jkun* u għall-mistoqsija ulterjuri tal-Qorti *jiġifieri hemmhekk imbagħad nidħlu biss fl-ambitu ta' jekk is-cell tkun bil-ħsara?* Huwa wieġeb *bil-ħsara, anke f'każi straordinarji tipo eżempju fl-ewwel tas-sena kulħadd jibgħat l-SMs's u s-cell id ma tlaħħaqx allura ħa jmurlek fuq cell id oħra. Dawn il-każi straordinarji.*

Mid-data provduta minn Anthony Bonnici in rappreżentanza ta' GO p.l.c., liema data ġiet extracted mill-Espert Tekniku Keith Cutajar[28], jirriżulta li b'mod partikolari fit-28 ta' April 2021, il-mobile ta' l-imputat inqabad fuq is-cells li dwarhom xehed l-Ispettur Hayman fix-xhieda tiegħu, inkluż fuq ic-cell id JobsPlus, Ħal Far Road, Ħal Far, ossia fuq cell id fl-istess akkwata u post fejn kienet ipparkjata dakinhar il-vettura ta' Angie Grixi. Minn din id-data jirriżulta li fuq din is-cell partikolari l-imputat inqabad għal ben erba' minuti ossia minn 08:58:03 sa' 09:00:51 u minn 09:01:02 sa' 09:02:00.

Fir-rigward ta' l-inċidenti li seħħew fit-**3 ta' April 2021** u fil-**11 ta' April 2021**, **Angie Grixti** ddikjarat illi *fil-11 ta' April tas-sena 2021 tlajt fuq il-bejt tad-dar tiegħi f'xi it-8:30a.m. nonxor u nisma' għajta, ħa jkolli ngħidha kif smajtha "ja qaħba, foxx dik il-liba ommok". Ittawwalt mill-bejt u narah wieqaf mhux got-triq tiegħi imma fit-tarf tat-triq.* Mistoqsija mill-Qorti lil min rat wieqaf, Angie Grixti wieġbet *lil Kyle u saq. Imbagħad ħareġ ċertu wieħed Jonathan Pulis li għandu garaxx faċċata naqra l-barra u għidtlu "Smajtu?" U qalli "Hu kien dak?" U s-soltu għamilna rapport. … Rajtu wieqaf bil-karozza Captur. … Jiena rajt lil Kyle wieqaf bil-karozza jiġifieri mhux hekk imma hekk across, bil-karozza tiegħu wieqfa hemm u saq.* Angie Grixti xehdet ukoll illi *fit-3 ta' April tas-sena 2021, kienu xi l-11:20, waqaft fil-banka tal-lottu ta' faċċata tal-knisja, kont qed nistenna barra għax kien hemm in-nies ġewwa. … u nisma' "qaħba Angie". Ittawwalt imma jiena ma rajt lil ħadd għaddej imma l-leħen ovvja issa drajtu. Jista' jkun illi kien hemm il-karozza tiegħi ipparkjata quddiem il-banka eżatt jiġifieri wisq probabbli ra l-karozza u għajjat.*

L-**Ispettur Eman Hayman** xehed illi *fil-11 ta' April kellna rapport ieħor fejn Angie kienet stqarret illi kienet marret fuq il-bejt, kienet qed tonxor jidhirli però m'inix ċert u rat il-karozza ta' Kyle Lautier, hawnhekk meta qed tgħid il-karozza kienet rat il-KYL li hija l-Captur u mhux l-ACU li hija d-Demio. Angie kienet qalet illi rat il-karozza tieqaf minn fuq il-bejt tagħha mbagħad semgħet l-għajjat u, skużani se jkolli ngħid il-kliem li intqal, "ja qaħba, foxx il-liba ommok". Wara li ntqalet din l-għajta din il-karozza telqet u Angie kienet qalet illi rat lill-ġar ħiereġ b'mod immedjat sakemm qiegħda titlaq din il-karozza f'dak l-ambitu ta' saret l-għajta, ħareġ ir-raġel ta' din il-ġara li jisimha Lauren Pulis illi semmejtha iktar qabel f'din ix-xhieda u jidher illi sar xi diskors bejn Angie u r-raġel fejn jidher illi dan ir-raġel qal "Dak hu kien?" U proprju kienet bdiet investigazzjoni sabiex jiġi stabbilit x'ġara u x'ma ġarax f'dan l-inċident. Kien hemm is-CCTV tas-sinjuri Pulis, ta' Lauren Pulis u r-raġel tagħha li ħareġ mill-garaxx, iżda dan it-tentattiv ma kienx irnexxa peress illi l-cameras ma kellhomx dik li jgħidulha date stamp. Avolja ma kienx hemm id-*

[28] Relazzjoni markata Dok. "KC1", Folder GO plc.

*date stamp, xorta min-naħa tiegħi ridt nara proprju l-filmat innfisu li kellhom available ssejvjat hemmhekk u jiena kont bgħatt istruzzjonijiet lil Angie biex tikkorrispondihom lis-sinjura Lauren Pulis u kont bgħatt l-email illi semmejt fil-bidu tax-xhieda tiegħi, illi minn dak illi kienet qaltilna Angie, sabiex ma tirrepetix b'mod verbali l-struzzjonijiet, kienet għamlet foward ta' dik l-email lil Lauren Pulis biex ma tmurx tinsa xi ħaġa, minn dak li qaltilna dejjem Angie, qabdet u għamlitha forward. Kien hemm inċident ieħor … din id-darba fit-3 ta' April fejn Angie Grixti kienet qiegħda tixtri fil-banka tal-lottu u semgħet il-kelma "qaħba Angie". Kien sar tentattiv ta' cameras fil-viċin imma dan it-tentattiv ma kienx irnexxa.*

**Jonathan Pulis** iddikjara li dwar l-inċident tal-11 ta' April 2021 huwa ma jaf xejn. Qal li kien fil-garage tiegħu, li jiġi faċċata ta' fejn toqgħod Angie Grixti, qed isewwi mutur u ma ra u ma sema' xejn. Mistoqsi dwar x'diskors kellu ma' Angie Grixti, Jonathan Pulis wieġeb *giet hi fejn il-garaxx tiegħi. … fix-xifer tal-bieb tal-garaxx ġiet. .. qaltli "rajtu?" U għditilha "Min? Mela ġie hu?" U daqshekk*. Jonathan Pulis insista li huwa ma ħariġx mill-garage tiegħu iżda kienet Angie Grixti li marret fejn il-garage tiegħu tistaqsih jekk kienx ra lill-imputat. Saħaq illi *jiena kont ġol-garaxx, ġiet max-xifer tal-garaxx u staqsietni jekk rajtx lil dik il-persuna, li jiena ma rajthiex.*

Dejjem fir-rigward ta' kwistjonijiet bejn l-imputat u Angie Grixti, l-**Ispettur Hayman** xehed ukoll illi *fiż-żmien ta' bejn l-4 ta' Mejju u s-17 ta' Mejju tas-sena 2021, Angie Grixti kienet infurmatna illi kien żiedha Facebook profile bl-isem ta' Paladino Iniesta. Paladino Iniesta kellu xi ritratti fejn qiegħed jirreklama ruħu bħala bejjiegħ tax-xorb, aħna din l-informazzjoni konna ħadniha u kien ukoll bagħat friend request lil Angie. Aħna konna irċevejna r-riżultat ta' l-extracting u konna sibna stampi li kienu jappartjenu lil dan Paladino Inieta fuq il-mobile ta' Kyle Lautier, iktar minn hekk imma, konna sibna screenshot tal-Facebook Login għax il-Facebook inti jkollok profil, jekk ikollok iktar minn profil wieħed, il-Facebook login page tagħtik il-faċilità illi tagħżel liema account inti trid tilloggja fuq Facebook u f'dan l-iscreenshot kien hemm tliet profiles li kienu bl-isem ta' Kyle Lautier li huwa l-profile illi Kyle Lautier għaraf bħala li huwa wieħed tiegħu, kien hemm il-profile jismu Ky Le li kienu kollha bħala screenshot fil-mobile ta' Kyle Lautier, jiġifieri l-login page kienet ittieħdet screenshot fil-mobile ta' Kyle Lautier tħalliet fid-database u kienet instabet mill-extraction.*

## L-ewwel tlett imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat:

Kif già iktar 'l fuq osservat, l-imputat qed jiġi mixli talli nhar l-1 ta' Ġunju 2021 għall-ħabta ta' 12:00p.m. u fis-siegħat u/jew fil-ġranet u/jew ġimgħat u/jew xhur ta' qabel iżda mhux aktar mid-data ta' l-24 ta' Marzu 2021, ġewwa Birżebbuġia u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) ikkaġuna lill-eks sieħba tiegħu u cioè Angie Grixti, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali u li tali fastidju sar b'mod li jammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi u li dan id-delitt ikkawża offiża psikoloġika fuq il-vittma; (2) ikkaġuna lill-eks sieħba tiegħu u cioè Angie Grixti, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali u li dan id-delitt ikkawża offiża psikoloġika fuq il-vittma; (3) ikkaġuna lill-eks sieħba tiegħu u cioè Angie Grixti, biża li se tintuża

vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha u li dan id-delitt ikkawża offiża psikoloġika fuq il-vittma.

Dawn l-imputazzjonijiet jinsabu riflessi fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali fejn appuntu bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għar-reat jew reati previsti fl-Artikoli 251A, 251AA u 251B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-aggravji previsti fl-Artikoli 251H, 251HA, 222(1) u 202 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 251A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Persuna li: (a) iġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra; jew (b) iġġib ruħha b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna; jew (ċ) tissoġġetta lil persuna oħra għal xi att ta' intimità fiżika; jew (d) titlob favuri sesswali mingħand persuna ohra; jew (e) tissoġġetta lil persuna oħra għal xi att u, jew imġieba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, mossi u, jew għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem mitkuba, stampi u, jew xi materjal ieħor, fejn dak l-att, kliem, u jew imġieba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistgħu raġonevolment jiġu kkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degradanti, u,jew intimidatorji lejha, tkun ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu.*

L-Artikolu 251AA(1)(2)(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdu li: *(1) Persuna: (a) li iġġib ruħha b'mod li jkun bi ksur ta' l-artikolu 251A(1), (b) l-imġieba tagħha jammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi, tkun ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu. (2) Għall-finijiet tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu l-artikolu 251BA(1)(a), persuna ġġib ruħha b'mod li l-imġieba tagħha tkun tammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi jekk: (a) tammonta għal fastidju ta' dik il-persuna, (b) tikkostitwixxi xi wieħed mir-reati msemmija fis-subartikolu (3), (ċ) dik il-persuna, li twettaq dik l-imġieba, taf jew imissha tkun taf li dik l-imġieba tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra, u (d) tikkostitwixxi kondotta ripetuta li ġġiegħel lill-persuna l-oħra li tibża għas-sigurtà tagħha. (3) Dawn l-atti li ġejjin għandhom jitqiesu bħala atti ta' segwiment ta' persuna bil-moħbi: (a) li wieħed jimxi wara persuna; (b) li wieħed jagħmel kuntatt, jew jittanta jagħmel kuntatt, ma' persuna bi kwalunkwe mezz, (ċ) il-pubblikazzjoni, bi kwalunkwe mezz, ta' dikjarazzjoni jew materjal ieħor - (i) li jirrigwarda jew li jagħti lil wieħed x'jifhem li jirrigwarda persuna, jew (ii) li jagħti lil wieħed x'jifhem li joriġina minn persuna, (d) il-monitoraġġ tal-użu ta' persuna ta' l-internet, tal-posta elettronika jew ta' kull forma oħra ta' komunikazzjoni elettronika, (e) li wieħed jitlajja fi kwalunkwe post, kemm pubbliku jew privat, (f) indħil f'xi proprjetà li tkun fil-pussess ta' persuna, (g) li wieħed joqgħod għassa jew jispija fuq persuna.*

L-Artikolu 251B(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *(1) Persuna li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tkun ħatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil xi ħaddieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażżjonijiet…..*

L-element komuni bejn ir-reati previsti fl-artikoli tal-Liġi appena ċitati huwa *the course of conduct*. Fir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v.**

**Elton Debono**, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-2 ta' Awwissu 2017, fejn ġie osservat *illi r-reati indikati fl-Artikoli 251A, 251B u 251AA tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta huma reati li jesiġu "imġieba". Issir hawnhekk referenza għas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Joseph Bajada (deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-2 ta' Mejju 2013): "Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassment kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B ġew introdotti għall-ewwel darba fil-liġi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-ġurisprudenza tal-qrati tagħna jidher illi l-imġieba li toħloq il-fastidju trid tkun "a course of conduct" u mhux inċident wieħed u iżolat. Illi f'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija v. James Demanuele, deċiża fis-26 ta' Novembru 2009, il-Qorti stqarret: L-Artikolu 251A joħloq ir-reat ta' persuna li ġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra u b'mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna. Il-liġi fis-subinċiż (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iġġib ruħha b'mod dubbjuż imissha tkun taf li dik l-imġieba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qies ta' persuna raġjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet taħseb li dik l-imġieba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra. Fis-suninċiż (3)(ċ) il-liġi tkompli tgħid li persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġieba kienet waħda raġjonevoli. Fl-artikolu 251Ċ hu provvdut li riferenzi għall-għoti ta' fastidju lil persuni tinkludi meta wieħed jagħti qata' (alarming) jew idejjaq (causing … distress) lill-persuna. Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliż 'harassment") ġie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th edit.) bħala:- "Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose", dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jiġi konsidrat "in isolation" b'riferenza biss għall-każ mertu tal-kawża imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u ta' l-aġir preċedenti tal-ġudikabbli. Dan għaliex kif ġie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija v. Alan Caruana Carabez" [21.6.07]:- "… f'każijiet bħal dawn ir-retroxena għal kull inċident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-inċident iżolat u aċċidentali minn aġir abitwali ta' fastidju fuq perijodu ta' żmien". Però, xorta waħda jkun irid jirriżulta mill-provi għall-fini tal-parametri ta' l-akkuża nnifisha." Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251Ċ li tgħid li riferenzi għall-għoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wieħed jagħti qata' jew idejjaq lill-peruna ("alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliż), il-liġi tagħna ma tagħti ebda definizzjoni oħra tat-terminu ġeneriku fastidju jew "harassment". Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni speċifika u dettaljata tar-reat in diżamina tagħmilha possibbli għall-ġudikant li jqis bħala fastidju aġġir li jkun jieħu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet ta' l-istess delitt, jista' mill-banda l-oħra joħloq ukoll inċertezzi fl-applikazzjoni tal-liġi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwit jimbtu minn relazzjonijiet interpersonali komplikati u delikati. Kull tip ta' dan l-aġir però hu kalkolat li joħloq ċerta biża f'dak li jkun b'mod li joħloq sensazzjoni li qed jiġi segwit u impoġġi taħt ċerta pressjoni nġusta. Hu proprju dan li din il-liġi l-ġdida trid tipprojbixxi". … Illi fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Francis Xavier Micallef, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) [17.02.2011] irriteniet is-segwenti: "Illi l-imputat jinsab akkużat ukoll bir-reat ta' l-hekk imsejjaħ "harassment" bil-vjolenza kif previst flartikolu 251B tal-Kapitolu 9. Illi f'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Raymond Parnis (per Prim' Imħallef Vincent DeGaetano 24/04/2009),*

*il-Qorti tat definizzjoni eżawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi l-harassment taħt dina d-disposizzjoni tal-liġi. Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma "imġieba" fit-test tal-liġi timplika "a course of conduct" u mhux xi inċident wieħed iżolat. Il-Qorti tistqarr: illi dawn affarijiet kollha li seħħew fil-kuntest ta' inċident wieħed - ma jistgħu qatt jammontaw għar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat ġie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 ta' l-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions". L-Artikolu 251B tagħna - u hawn il-Qorti ser tuża t-test Ingliż proprju biex wieħed ikun jista' jara x-xebħ u fejn saru it-tibdiliet - jipprovdi fis-subartikolu (1) tiegħu, hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions..." Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax iseħħ f'okkażjoni waħda iżda jrid ikun hemm għall-anqas żewġ okkażżjonijiet - proprju kif jingħad fil-matriċi Ingliża "on at least two occasions". Għal xi raġuni - fil-fehma din il-Qorti kompletament illoġika - il-kliem "on at least two occasions" tħallew barra". Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008: "How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct. ... it was recognised, however that circumstances can be conceived "where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday...". Din il-Qorti mhix ser tipprova tagħti definizzjoni eżawrienti ta' x'jammonta għal "course of conduct" għall-fini ta' l-imsemmi Artikolu 251B(1) - u anqas ma hi ser tipprova telenka każijiet, anke jekk biss bħala forma ta' eżempju, li jammontaw jew ma jammontawx għal tali "imġieba", ħaġa li trid tiġi deċiża minn każ għal każ skond iċ-ċirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doża qawwija ta' saġġezza min-naħa tal-ġudikant. Dak li qed jiġi deċiż f'din il-kawża hu biss li inċident wieħed (u, per di più, ta' minuti) ma jammontax għal "course of conduct" għall-finijiet ta' l-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tiġi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun ġiet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tiġi punita taħt disposizzjonijiet oħra tal-liġi". Illi multo magis din l-interpretazzjoni tapplika għar-reat ravviżat bl-artikolu 251AA tal-Kodiċi Kriminali, dak komunement magħruf bħala stalking. Illi l-liġi titkellem dwar "imġieba", a course of conduct, u għaldaqstant minn dina l-esposizzjoni legali jirriżulta illi dawn ir-reati (Artikoli 251A, 251B u 251AA) ma jissusistux jekk dan ikun xi inċident iżolat.*

Issir referenza wkoll għal dak li intqal fuq is-suġġett in materja f'Blackstone's Criminal Practive (2012 Ed.) - *Establishing a course of conduct, rather than a series*

*of unrelated acts, is crucial to the success of any prosecution for harassment, and 'it is the course of conduct which has to have the quality of amounting to harassment, rather than individual instances of conduct' (Iqbal v Dean Manson (Solicitors) [2011] EWCA Civ 123 per Rix LJ at [45]). The matters said to constitute the course of conduct amounting to harassment must be properly particularised in the information laid or the indictment (C v CPS [2008] EWHC 148 (Admin)) and must be so connected in type and in context as to justify the conclusion that they amount to a course of conduct (Patel [2005] 1 Cr App R 440; Pratt v DPP (2001) 165 JP 800; C v CPS ). The fewer and further apart the incidents, the less likely it is that they will be so regarded, but circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct' (Lau v DPP [2000] Crim LR 580).*

Naturalment il-Prosekuzzjoni trid tissodisfa l-oneru tal-prova mixħut fuqha u cioè li tipprova l-ħtija ta' l-imputat għar-reati addebitati lilu lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Fir-rigward issir referenza għas-sentenza pronunċjata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-2 ta' Ġunju 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Ahmed Hamed, App. Nru. 427/2021**, fejn ġie osservat illi: *il-Qorti għalhekk hawnhekk sejra tagħmel referenza għas-sentenza riċenti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Phillianne Ceci et, fejn il-Qorti rreteniet s-segwenti fuq il-livell tal-prova: '...Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnissla mis-sistema Ingliża fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż, li il-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Fil-każ Ingliż Majid, Lord Moses stqarr hekk: Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty. Inoltre, fil-ktieb tagħhom The Modern Law on Evidence, Adrian Keane u Paul McKeown jgħidu s-segwenti : - In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the long standing advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju tas-sikurezza. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Peralta deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal b'sikurezza*

*għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales. U huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe id-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.*

Wara li kkunsidrat il-provi prodotti bir-reqqa, b'referenza għall-ewwel tlett imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat, il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli l-ħtija ta' l-imputat għar-reat prospettat fl-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, ossia għar-reat ta' segwiment ta' persuna bil-moħbi ai termini ta' l-Artikolu 251AA tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u fit-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, ossia għar-reat ta' fastidju ai termini ta' l-Artikolu 251A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta - għad illi għall-finijiet ta' piena l-Qorti tqis li it-tieni imputazzjoni tiġi assorbita fl-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat.

Dawn ir-reati jissussistu a bażi ta' l-inċidenti li seħħew fil-11 ta' April 2021 u fl-1 ta' Ġunju 2021, kif ukoll bl-imputat f'Mejju 2021 jibgħat friend request lil Angie Grixti tramite l-profil ta' Facebook bl-isem Paladino Iniesta, profil li mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija u provi prodotti jirriżulta li huwa ta' l-imputat stess.

Għalkemm jidher li fil-11 ta' April 2021 kienet Angie Grixti biss li rat lill-imputat fix-xifer tat-triq fejn toqgħod, fil-vettura tiegħu ta' l-għamla Captur, u semgħatu jgħajjarha, il-Qorti tqis li x-xhieda tagħha fir-rigward hija kredibbli u ta' min joqgħod fuqha, in kwantu hija kienet ferm konsistenti fix-xhieda tagħha. Hawn il-Qorti tagħmel referenza għal dak provdut fl-Artikolu 638 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia li *bħala regola, għandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xhieda tiegħu tkun importanti* - subartikolu (1). *B'dan kollu, f'kull każ, ix-xhieda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.*

Jonathan Pulis, il-ġarr ta' Angie Grixti u li hija tgħid li kif l-imputat saq 'l hemm, dan Pulis ħareġ mill-garage tiegħu jistaqsi x'ġara, għad illi jgħid li dakinhar ma ra u ma sema' xejn għaliex skontu kellu l-istorbju fil-garage tiegħu, bl-ebda mod ma jxejjen u jikkontradiċi dak li qalet Angie Grixti fir-rigward ta' dak li ġara dakinhar. Huwa sempliċement jagħżel li ma jikkommettix ruħu u jgħid biss li ma sema' u ma ra xejn u dana iktar iva milli le, biex ma jidħolx fi kwistjonijiet ta' bejn Angie Grixti u l-imputat. Il-Qorti waslet għal din il-konklużjoni anke a bażi tad-diskursata bejn martu Lauren Pulis u l-imputat, liema diskursata wasslet biex b'mod għal kollox inkonsult

Lauren Pulis tgħaddi email tal-Pulizija intiża għal Angie Grixti u għall-fini ta' download ta' CCTV mis-sistema tagħhom, lill-imputat.

Fir-rigward tal-friend request tramite l-profil ta' Facebook Paladino Iniesta f'Mejju 2021, il-Qorti tistrih fuq ix-xhieda ta' l-Ispettur Eman Hayman u fuq dak li rriżulta mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija u l-extractions illi saru mill-mobile ta' l-istess imputat għal dak li jirrigwarda dan il-profil partikolari.

In kwantu rigwarda mbagħad dak li seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021, il-Qorti tistrih pjenament mhux biss fuq dak li qalet Angie Grixti, li kif gia osservat irriżultat ferm kredibbli fix-xhieda tagħha, iżda tistrih ukoll fuq ix-xhieda ta' Elise Zammit u fuq ir-ritratti u videos ta' dakinhar esebiti mill-Prosekuzzjoni u estratti mill-Espert Tekniku Keith Cutajar. Mill-imsemmija ritratti u videos huwa evidenti li l-imputat ma kienx qiegħed fl-akkwati ta' l-Iskola ta' Birżebbugia fejn taħdem Angie Grixti bl-iskop li jmur għand tal-ħaxix imma kien qiegħed hemmhekk bl-iskop uniku li jdejjaq u jiffastidja lill-imsemmija Angie Grixti, fastidju dan li huwa kien jaf li qed joħolqilha in kwantu gia kienu saru diversi rapporti oħra da parte tagħha dwar l-komportament tiegħu. Il-komportament ta' l-imputat, fejn l-ewwel kien ipparkjat fil-vettura fi Triq Santa Katerina, kantuniera ma' Triq il-Knisja, u imbagħad ipparkja, per di più b'mod ħażin, quddiem il-kanċell ta' l-iskola u joħroġ mill-vettura attaparsi jitkellem fuq il-mobile phone, u sussegwentement jerġa' jmur mal-kanċell ta' l-iskola jħares fiss il-ġewwa, ċertament ma huwiex komportament ta' persuna li kienet f'dawk l-akkwati għal skopijiet oħra mhux relatati ma' fastidju lil Angie Grixti.

Dawn it-tlett okkazzjonijiet, li l-Qorti tqis ġew ippruvati mill-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, jammontaw għal *course of conduct* meħtieġ mill-liġi għall-fini tar-reat ta' fastidju, li per di più f'dawn iċ-ċirkostanzi jammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi in kwantu hemm il-kuntatt tramite friend requests bil-Facebook kif ukoll il-fatt li l-imputat tlajja kemm fil-viċinanzi tad-dar ta' Angie Grixti kif ukoll fil-viċinanzi, anzi proprio quddiem, il-post fejn taħdem. Dan l-aġir ta' l-imputat huwa ulterjorment aggravat mill-fatt li dan twettaq fil-konfront ta' l-ex sieħba tiegħu ma' min kellu relazzjoni ta' ben sentejn, bil-konsegwenza li japplika dak provdut fil-proviso ta' l-Artikolu 251AA(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, essendo r-reat prinċipali li jrid jittieħed in konsiderazzjoni mill-Qorti, illi jipprovdi li l-piena prevista għal tali reat għandha tiżdied bi grad wieħed meta r-reat isir kontra xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, li a sua volta jsemmi l-Artikolu 202(h) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għalkemm il-Prosekuzzjoni u anke l-Avukat Ġenerali jesiġu li l-imputat jinstab ħati tar-reat bl-aggravanti ta' l-offiża psikoloġika fuq Angie Grixti, il-Qorti ma hijiex konvinta li dan l-aspett ġie ppruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Ma hemmx dubju li l-aġir ta' l-imputat ħoloq f'Angie Grixti fastidju u dwejjaq iżda l-ħsara psikoloġika hekk meħtieġa għall-fini ta' l-aggravju ma tissussistix. Mir-rapport tal-Psikologa Carmen Sammut, esebit bħala Dok. "CS", jirrizulta li fir-rigward ta' Angie Grixti ma kien hemm l-ebda skor klinikament sinifikanti fuq Severe Personality Pathology, Clinical Syndromes u Severe Clinical Syndromes.

F'dawl ta' dan appena osservat għalhekk il-Qorti tqis li l-imputat ma għandux jinstab ħati ta' l-aggravanti previsti fl-Artikolu 251H tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u bl-

applikazzjoni tal-proviso ta' l-Artikolu 251AA(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, lanqas ma għandu l-imputat jinstab ħati ta' l-aggravanti previsti fl-Artikolu 251HA tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

In kwantu rigwarda r-reat ta' biża' ta' użu ta' vjolenza, il-Qorti tqis li l-ħtija ta' l-imputat għal tali reat ma ġietx ippruvata minħabba l-fatt li ma hemmx in atti prova valida u ammissibbli li effettivament turi l-ħsara fuq il-vettura ta' Angie Grixti u l-kliem li nkitbu fuq il-vettura tagħha, element dan fil-fehma tal-Qorti neċessarju għall-fini ta' biża' ta' użu ta' vjolenza. Għalkemm il-Prosekuzzjoni esebiet ritratti - Dok. "EH9" sa' Dok. "EH13" a fol. 142 sa' 146 tal-proċess - li juru l-vettura ta' Angie Grixti bi kliem mibruxa fuqha, mix-xhieda ta' l-Ispettur Eman Hayman jirriżulta li dawn ir-ritratti ttieħdu mill-mobile phone ta' l-imputat minn chat bejn l-imputat u l-Avukat tiegħu. In effetti l-Ispettur Hayman xehed illi *kien hemm messaġġ fuq Whatsapp illi beda mingħand persuna illi huwa avukat ta' l-imsemmi Kyle Lautier, jiġifieri l-persuna bagħat hu li Kyle, mhux bħal meta għandek a client/lawyer disclaimer qisu bħal meta għandek klijent qed jistaqsi lill-avukat, imma l-avukat kien informa lil Kyle u proprju hemm ritratt tal-karozza li semmejtlek fil-bidu Sinjura Maġistrat. Jiena peress illi kont għaddej bl-investigazzjoni, dik li hija disclosure dejjem kont aġġornat ma' l-avukat u avukati ta' Kyle Lautier jiġifieri minn fejn ġie dan ir-ritratt m'hemmx misteru fuqu, jiena dejjem kont aġġornat f'dik li hija disclosure u proprju għandi dawk ir-ritratti illi kont tajt disclosure in their physical form u anke in their soft copy.*

Nonostante d-disclosure li seta' sar lill-Avukat ta' l-imputat dwar il-kontenut ta' din ic-chat partikolari, il-Qorti tqis li l-istess chat taqa' entro l-ambitu ta' oġġetti soġġetti għal privileġġ legali ai termini ta' l-Artikolu 350(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. It-tifsira ta' *oġġetti soġġetti għal privileġġ legali* mogħtija fil-Kodiċi Kriminali hija *kull komunikazzjoni bejn konsulent legali professjonali u l-klijent tiegħu jew kull persuna li tirrappreżenta lill-klijent tiegħu u kull dokument jew record li jkunu annessi ma' jew li issir referenza għalihom fl-istess komunikazzjoni u magħmula għall-finijiet tal-għoti ta' parir legali jew b'konnessjoni ma', jew b'kontemplazzjoni ta' xi proċeduri legali u għall-finijiet ta' dawk il-proċeduri, imma l-frażi ma tinkludix oġġetti miżmuma bil-għan għat-tkomplija ta' xi fini kriminali.*

Oġġetti suġġetti għal privileġġ legali huma, sakemm ma tapplikax l-eċċezzjoni prevista fil-Liġi, eċċezzjoni li però fil-każ odjern assolutament ma tinkwadrax, huma appuntu privileġġati u mhux soġġetti għal perkwizzjoni da parte tal-Pulizija Eżekuttiva. Konsegwentement, l-istess lanqas jistgħu jitressqu bħala prova kontra l-imputat. Il-fatt li ic-chat in kwistjoni setgħet inbdiet mill-Avukat lejn l-imputat u mhux vice versa, fil-fehma tal-Qorti ma tagħmel assolutament l-ebda differenza iktar u iktar meta huwa fatt pratikament inkontestat bejn il-partijiet li l-kwistjonijiet bejn l-imputat u Angie Grixti kienu ilhom żmien għaddejjin.

B'hekk il-Qorti tqis li dawn ir-ritratti ma jistgħux jiġu minnha kkunsidrati bħala prova valida kontra l-imputat u per konsegwenza, una volta li wieħed mill-elementi ċentrali għar-reat previst fit-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat ai termini ta' l-Artikolu 251B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa nieqes, il-Qorti ma tistax issib ħtija fl-imputat għal tali reat hekk dedott fil-konfront tiegħu.

In kwantu rigwarda l-allegat inċident li seħħ fit-3 ta' April 2021, Angie Grixti stess tgħid li għalkemm semgħet tgħajjir u taħseb li l-vuċi kienet ta' l-imputat, hija lill-imputat fuq il-post ma ratux.

**Ir-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

L-imputat qed jiġi mixli wkoll li kiser Ordni ta' Protezzjoni impost fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), presjeduta mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo, fejn il-Qorti kienet ipprovdiet għas-sigurtà ta' Angie Grixti. Din l-imputazzjoni tinsab riflessa fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali.

Vera kopja ta' dan l-Ordni ta' Protezzjoni ġiet esebita mill-Prosekuzzjoni a fol. 16 tal-proċess. Tali Ordni nħareġ fis-26 ta' Marzu 2021 fil-konfront ta' Kyle Lautier, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 163093(M), ossia fil-konfront ta' l-imputat odjern, u tipprovdi bl-iktar mod ċar li b'effett mid-data tal-ħruġ ta' tali Ordni u sakemm tinqata' l-kawża fil-kuntest ta' liema nħareġ, Kyle Lautier ġie projbit milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' Angie Grixti, li jaċċedi ġewwa l-fond fejn tirrisjedi, taħdem jew tiffrekwenta Angie Grixti, jew b'mod ieħor milli jikkuntattja jew jimmolesta lill-imsemmija Angie Grixti.

Fil-fehma tal-Qorti fit-tlett inċidenti jew sitwazzjonijiet li seħħew fil-11 ta' April 2021, f'Mejju 2021 u fl-1 ta' Ġunju 2021, li lkoll seħħew wara u fi żminijiet ferm qrib il-ħruġ ta' l-Ordni ta' Protezzjoni, l-imputat ġie li ripetutament kiser l-Ordni ta' Protezzjoni impost fuqu, u dana mingħajr ma pprovda ebda skuża raġonevoli għal dan. Konsegwentement huwa hati tar-reat previst fl-Artikolu 412Ċ(11) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi illi: *jekk mingħajr skuża raġonevoli l-akkużat jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu b'ordni taħt dan l-artikolu* (ossia l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta) *huwa jkun ħati ta' reat u jeħel, meta jinstab ħati, multa ta' sebat elef euro (€7,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien.*

Fid-dawl ta' dan osservat għalhekk jirriżulta li l-imputat għandu jinstab ħati tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, ossia ħati tar-reat ta' ksur ta' Ordni ta' Protezzjoni imposta fuqu.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati u ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li t-tieni imputazzjoni (mingħajr l-aggravanti ta' l-offiża psikoloġika) dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija assoribta fl-ewwel (mingħajr l-aggravanti ta' l-offiża psikoloġika) dedotta fil-konfront tiegħu.

Ħadet in konsiderazzjoni wkoll is-Social Inquiry Report fir-rigward ta' l-imputat imħejji mill-Uffiċjal tal-Probation Glen Grixti fil-kuntest ta' proċeduri fil-konfront ta' l-imputat quddiem il-Qorti diversament presjeduta, liema Social Inquiry Report ġie esebit fuq talba tad-Difiża, mhux opposta mill-Prosekuzzjoni. Fl-imsemmi Social Inquiry Report, l-Uffiċjal tal-Probation Glen Grixti, wara li ħa in konsiderazzjoni diversi fatturi li jirrigwardaw lill-imputat u anke episodji li kien hemm ma' Angie

Grixti, għamel is-segwenti osservazzjonijiet dwar Pjan ta' Kura għal Kyle Lautier u Rakkomandazzjonijiet fir-rigward tiegħu, ossia li *Pjan ta' Kura - L-Uffiċjal tal-Probation iħoss li jkun għaqli li l-imputat jibqa' f'kuntatt mal-professjonisti kollha li qed isegwuh bħalissa biex huwa jieħu għajnuna ħolistika. L-Uffiċjal sottoskritt jemmen ukoll li huwa importanti li l-imputat jibqa' jżomm lilu nnifsu okkupat permezz ta' impjieg sabiex tonqos il-possibilità li huwa jkollu ċertu ħsibijiet. L-importanza li l-imputat isib ħin għar-rikreazzjoni hija wkoll importanti sabiex huwa jnaqqas il-livell ta' stress tiegħu. Rakkomandazzjoni - Fid-dawl ta' l-informazzjoni miġbura qed ikun umilment suġġerit lil din l-Onorabbli Qorti illi fir-rigward ta' piena Kyle għandu jingħata Ordni ta' Probation. Matul din l-Ordni l-imsemmi għandu jibqa' jiġi segwit mill-Konsulent Psikjatra, mill-Psikologu u anke mill-Fondazzjoni OASI bil-għan li jkompli jindirizza d-diffikultajiet tiegħu. Qed ikun issuġġerit ukoll li tinħareġ Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tal-vittma sabiex tonqos il-possibilità ta' kuntatt bejn iż-żewġ partijiet u anke li jitwettqu reati simili bħal dan il-każ odjern fil-futur.*

**Decide:**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, ossia dwar ir-reat ta' ksur ta' kondizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest, u filwaqt li ma ssibx lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, ossia tar-reat ta' biża' ta' użu ta' vjolenza ai termini ta' l-Artikolu 251B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u b'hekk tilliberah minnha, wara li rat u ikkunsidrat l-Artikoli 17(b), 18, 31, 202(h)(vi), 222(1)(a), 251A(1)(b)(4), 251AA(1)(2)(3)(4), 251Ċ u 412Ċ(11) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, iżda dana mingħajr l-aggravju ta' l-offiża psikoloġika fuq Angie Grixti, u ssibu ħati wkoll tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, iżda peress illi l-Qorti hija sodisfatta li fiċ-ċirkostanzi tal-każ u fid-dawl ta' dak li jirriżulta mis-Social Inquiry Report fir-rigward ta' l-imputat imħejji mill-Uffiċjal tal-Probation Glen Grixti, is-sorveljanza ta' l-istess imputat minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tiegħu kif ukoll jiġi protett il-pubbliku, u sabiex jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra da parte ta' l-imsemmi imputat, a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' tlett (3) snin millum, taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet relattiv maħruġ illum, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem li huwa jifhem, x'inhuma l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation imposta fuqu bid-Digriet mogħti llum stess, u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma' tali Ordni ta' Probation jew jagħmel xi reat ieħor waqt il-perijodu ta' tali Ordni, huwa jista' jingħata sentenza għar-reati mertu ta' dawn il-proċeduri.

Dejjem fid-dawl ta' dak li jirriżulta mis-Social Inquiry Report imħejji mill-Uffiċjal tal-Probation Glen Grixti, il-Qorti tqis li l-imputat għandu bżonn l-għajnuna u trattament sabiex jindirizza l-problemi li huwa għandu u għaldaqstant a tenur ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Trattament u dana għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-

sentenza u taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti illum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma xi rekwizit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien ma' l-Ordni ta' Probation u l-Ordni ta' Trattament jiġu komunikati lid-Direttur tal-Probation Services.

Ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qed toħroġ fil-konfront ta' l-imputat Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Angie Grixti. Dan l-Ordni ta' Trażżin qed jinħareġ għal perijodu ta' tlett (3) snin li jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li jikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u cioè f'tali eventwalità jista' jiġi ikkundannat għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

Fid-dawl tal-ħruġ ta' l-Ordni ta' Trażżin ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tastjeni milli tapplika dak provdut fl-Artikoli 383, 384, 385, 386 u 387 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

In fine ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat iħallas is-somma komplessiva ta' €1,712.91[29] rappreżentanti spejjeż inkorsi man-nomina ta' l-Espert Tekniku Keith Cutajar.

Kemm-il darba l-imputat jonqos milli jħallas l-imsemmija spejjeż, tista' tiskatta l-proċedura prefissa fl-Artikolu 533(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia li l-Qorti, fuq rikors tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, toħroġ Mandat ta' Arrest kontra l-imputat bl-ordni li jinġieb quddiemha, u wara li tiżgura ruħha mill-identità ta' l-imputat, tibdel l-ammont ta' spejjeż mhux imħallsa fi priġunerija, bil-kalkolu ta' ġurnata għal kull ħdax-il Euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€11.65) jew frazzjoni ta' l-istess, u tibgħat lill-imputat il-ħabs għaż-żmien li joħroġ minn tali kalkolu.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

[29] €391.16 - Relazzjoni KC1 u €1,321.75 - Relazzjoni KC2.